MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1179/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) kif surrogata fil-jeddijiet ta’ l-assikurata taghha Marie Micallef**
**vs**
**Francois Azzopardi (ID410080M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta’ mitejn u disgha u disghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm299.80), rapprezentanti danni subiti fuq vettura FAE-453 li s-socjeta` attrici hallset abbazi ta’ polza ta’ assikurazzjoni, meta din il-vettura kienet involuta f’kollizzjoni fid-data u post indikati, u dan meta l-konvenut bhala sewwieq tal-vettura IAB-185 baqa’ diehel fuq wara tal-vettura FAE-453, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-24 ta’ Jannar, 2005 (Dok.A), u l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Marzu,**

**2005 (Dok.B), u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap.104 (Dok.C), u bl-imghax dekoribbli mill-10 ta' Marzu, 2005 sal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta' Dicembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm299.80), bl-imghax legali mill-10 ta' Marzu, 2005 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-24 ta' Jannar, 2005 (Dok.A), u l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 2005 (Dok.B), u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghal finijiet tal-Kap.104 (Dok.C), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------